**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Novembru, 2017

Rikors Nru : 79/17 AL

**AB**
**-vs-**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Huwa u l-intimata kienu iżżewwġu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (1981), kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hija annessa bhala dokument "A";

2. Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Reuben Debono datat tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007), il-partijiet isseparaw minn xulxin, kopja tal-kuntratt hija annessa bhala dokument "B";

3. Għaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali tal-partijiet u l-partijiet ilhom jgħixu mhux flimkien għal aktar minn erba' (4) snin kontinwati;

4. Ma hemm l-ebda prospett raġunevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Minn dan iż-żwieġ twieldu zewgt it-tfal li illum għandhom aktar minn tmintax-il sena ghalhekk mhux dovut manteniment; u

6. Il-fatti kollha hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex isiru id-debiti reġistrazzjonijiet fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata fis-sens li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Mejju 2007;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.